# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Jannar 2002

Citazzjoni numru 2199/99AJM

Kawza numru

Ivan Calleja

Vs

Karl sive Carl Glenville

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-11 ta' Ottubur 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti u tar-regoli ta' komportament mistenni da parti tal-konvenut u dan b'dannu ta' l-attur, gew kkagunati danni meta fid-29 ta' Novembru 1997 ghal habta tas-2.30 p.m. f'Hal Far, habat fil-karozza misjuqa mill-attur u kkawzalu danni fil-vettura; dawn id-danni jikkonsistu fil-hsara fil-vettura bin-numru IVN 216 tal-marka Rover 216 li jammontaw ghal LM1,500 (elf u hame smitt lira); li minkejja kull interpellazzjoni ma kienx hemm risarciment mill-konvenut; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli tad-danni sofferti mill-attur meta fid-29 ta' Novembru 1997 ghal xi 2.30 p.m. f'Hal Far habat fil-karozza misjuqa mill-attur u kkawzalu d-danni fil-vettura;
2. tillikwida d-danni kagjonati, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut ghal hlas tad-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut bl-ingunzjoni minn issa stess ghas-subizzjoni; inkluzi l-ispejjes ohra tal-ittra fficjali tal-ittri interpellatorji fl-20 ta' Frar 1998 u 16 ta' Marzu 1998.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fl-24 ta' April 2000 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kollizzjoni in kwistjoni ma garatx minhabba negligenza, imperizja, traskuragini u nuqqas ta' thars tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fic-citazzjoni; izda gara tort unikament tal-attur u dana stante li kien l-istess attur illi wara li effettwa manuvra ta' sorpass dahal f'salt quddiem il-vettura tal-konvenut u b'hekk sehhet il-kollizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Mejju 2000 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tad-dokumenti ezebiti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Novembru 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat.

Din hija kawza konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fuq ir-'runway' l-antika ta' Hal Far fid-29 ta' Novembru 1997 ghal habta tas-2.30 p.m. Il-vetturi involuti kienu Rover misjuqa mill-attur bin-numru IVN 216 u l-karozza Hyndai Accent numru LAE 725 misjuqa mill-konvenut. Iz-zewg vetturi fil-mument tal-incident kienu sejrin fl-istess direzzjoni u cioe minn naha ta' Birzebbugia lejn Hal Luqa u l-incident gara ezattament fit-tarf tar-runway qabel ma tohrog fuq it-triq ta' Hal Far. Il-vetturi habtu billi l-karozza tal-konvenut baqghet diehla fuq il-parti ta' wara tal-karozza ta' l-attur u ghalitilha hsara konsiderevoli.

Fl-okkorrenza preparata mill-ex P.S Anthony Polidano (fol 48) hemm rapportat hekk: "Ix-xufier tal-karozza nru LE 724 (recte 725) (il-konvenut) qal li kien tiela wara il-karozza nru IVN 216 fejn il-karozza IVN 216 naqset mil-velocita', ghafset il-brakes u l-karozza baqghet tiskidja ghx it-triq kienet imxarba. Xufier tal-karozza nru IVN 216 qal li kien qed isuq bil-mod, il-karozza l-ohra nru LAE 725 li kienet gejja minn wara ftit sewqan qawwi baqghet diehla go wara tal-karozza tieghi nru IVN 216."

Jidher li hemm qbil bejn il-partijiet dwar kif sehh l-incident. In effetti l-konvenut qed xhed li huwa baqa diehel fil-karozza ta' l-attur billi skiddja meta applika l-brakes. Izda l-konvenut apparti li zied jghid li l-attur kien qabzu xi ftit ta' mumenti qabel l-incident – cirkostanza din ghal kollox irrilevanti billi fl-ewwel lokis-sorpass hemm huwa permes u fit-tieni lok l-incident ma kienx rizultat ta' dan is-sorpass – jsostni li l-incident sehh minhabba li l-attur waqqaf il-vettura tieghu b'mod brusk.

Issa bhal regola s-sewieq tal-vettura li tkun mixja fuq wara dejjem jirrispondi ghall-akkadut billi dan ix-xufier ghandu l-obbligu li mhux biss jzomm distanza ragionevoli mill-vettura ta' quddiemu, izda ukoll li joqghod attent ghal dak li jkun qed jigri biex b'hekk jkun jista' jirreagixxi tempestivament. Dawn l-obbligi u partikolarment dak li zzomm distanza adegwata mill-vetturi ta' quddiemek jassumi aktar relevanza meta s-superfici tat-triq tkun imxarba bix-xita b'mod li l-kontroll tal-vettura jkun aktar dghajef.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-incident sehh minhabba li skidding tal-vettura tal-konvenut. Jirrizulta ukoll li dan, qabel ma applika l-brakes, kien qed izomm distanza ta' ftit metri boghod mill-vettura ta' quddiemu. Kien ghalhekk negligenti l-konvenut fis-sewqan tieghu billi dan seta' facilment ippreveda li skidd fic-cirkostanzi tat-triq u ghalhekk kien f'obbligu li jsuq bi speed aktar moderat minn dak ta' 70/80 k.f.s. u jzom distanza itwal mill-karozza ta' quddiemu.

L-attur, mil-banda l-ohra jirrizulta li kien mixi bi speed moderat hafna u cioe 50 k.f.s. u dan kull ma ghamel kien li naqqas li speed biex jahsiblu ghal-liwja fit-triq. Din il-Qorti ma tistax f'dawn ic-cirkostanzi ssib xi nuqqas da parte tieghu.

Dwar hsarat l-attur xhed li l-vettura tieghu giet “surveyed” u li t-tiswijiet kienu riflessi fl-istess survey. Dan nefaq ghat-tiswija fil-karozza tieghu, bejn parts, panel beating u spray is-somma ta’ elf erba’ mija disa’ u hamsin lira tnejn u hamsin centezimu (LM1459.52). Barra minn hekk l-attur ukoll nefaq is-somma ta’ mitejn u tlettax-l lira maltin u sebghin centezimu (LM213.70) ghal kiri ta’ karozza kemm din damet tissewwa. B’kollox id-danni tal-attur jammontaw ghas-somma ta’ elf sitt mija tlieta u sebghin lira maltin tnejn u ghoxrin centezimu (LM1673.22). Dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. L-attur semma ukoll li bhala rizultat tal-incident huwa kellu xi disturbi fi spaltu izda ma ressaq ebda ‘*claim*’ fir-rigward. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tillikwida d-danni tal-attur fis-somma ta’ LM1673.22.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur in linea ta’ danni s-somma ta’ elf sitt mija tlieta u sebghin lira maltin tnejn u ghoxrin centezimu (LM1673.22).

Bli spejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri